— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-kawża u għall-ispejjeż neċessarji sostnuti mir-rikorrenti, b'mod partikolari l-ispejjeż ta' vjaġġar, akkomodazzjoni u tal-onorarji tal-avukat.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tikkumerċjalizza l-fosfat tad-dikalċju, importat mit-Tuneżija, li, sal-1994, kienet tiddikjara fid-dwana taħt l-isem ta' Ortofosfat ta' idroġenu tal-kalċju (fosfat tad-dikalċju) taħt il-kodiċi tat-tariffa 2835 52 90 tan-NM. L-awtoritajiet doganali Portugiżi kienu jeħtieġu li l-fosfat tad-dikalċju jiġi ddikjarat taħt il-kodiċi 2309 90 98 tan-NM, bħala preparazzjonijiet tat-tip użati għall-ikel tal-annimali — oħrajn, li huma suġġetti għal taxxa għolja. Filwaqt li, fi Franza, fir-Renju Unit u fi Spanja, li jassorbu kważi l-fosfat tad-dikalċju kollu miksub mit-Tuneżija u esportat mill-UE, l-istess prodott ġie kklassifikat taħt il-kodiċi tat-tariffa 2835 52 90, suġġett għar-rata żero.

Ir-rikorrenti ħeġġet lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-miżuri ta' armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni tat-tariffi tal-fosfat tad-dikalċju, iżda l-Kummissjoni ma għamlet xejn. Il-Kummissjoni kienet ilha tipposponi t-teħid ta' deċiżjoni fuq l-armonizzazzjoni tal-fosfat tad-dikalċju sa mill-2005. F'Diċembru tal-2008, il-Kummissjoni adottat att espliċitu, ta' kontenut negattiv, li jikkonsisti, minn naħa, fid-dikjarazzjoni li l-klassifikazzjoni tal-fosfat tad-dikalċju taħt il-pożizzjoni tat-tariffa 2309 hija paċifika u uniformi fid-diversi Stati Membri u, min-naħa l-oħra, ir-rifjut konsegwenti li tadotta miżuri sabiex tarmonizza l-klassifikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha fil-pussess tagħha dokumenti awtentiċi li jipprovaw li l-fosfat tad-dikalċju importat mit-Tuneżija, l-ikbar fornitriċi Komunitarja, huwa kklassifikat fi Franza u fi Spanja taħt il-kodiċi tat-tariffa 2835 25 90 u kellha l-mezzi li ssir taf li, minn tal-inqas, fir-Renju Unit, ukoll tiġi adottata din l-istess klassifikazzjoni. Is-sempliċi affermazzjoni li ma jeżistux problemi ta' klassifikazzjoni tal-fosfat fi Stati Membri oħra mhijiex għal kollox minnha, minħabba li ma jintqalx li f'dawn l-Istati Membri ma jiġix importat il-fosfat tad-dikalċju mit-Tuneżija. B'hekk, il-Kummissjoni kellha tivverifika jekk il-fosfat tad-dikalċju provenjenti mit-Tuneżija kienx ta' kompożizzjoni simili għas-sostituti tiegħu, importati minn postijiet oħra, madankollu u minkejja li hija kellha għarfien dwar l-eżistenza ta' Informazzjoni vinkolanti dwar it-Tariffa fi Franza, hija ma wettqitx tali verifika. Ir-risposta tal-Kummissjoni għall-ilmenti tar-rikorrenti tikkonsenti klassifikazzjonijiet tat-tariffa diverġenti u, minħabba f'hekk, neċessarjament żbaljati, tibbaża ruħha fuq premessi li mhumiex minnhom u tispiċċa ma tieħu l-ebda miżura ta' armonizzazzjoni tal-kriterji ta' klassifikazzjoni, u b'hekk iżżomm is-sitwazzjoni inċerta li kien hemm qabel.

Il-qrati Portugiżi ikkonfermaw id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet doganali Portugiżi, mingħajr ma ressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, meta huma kellhom l-obbligu li jagħmlu dan. Fil-parti l-kbira tal-Istati Membri li jimportaw il-fosfat tad-dikalċju mit-Tuneżija, il-merkanzija hija ddikjarata taħt il-kodiċi tat-tariffa 2835 52 90. Din id-differenza fil-klassifikazzjoni tat-tariffa, li tiġi riflessa fit-taxxa, teskludi lir-rikorrenti mis-suq Spanjol, fejn il-fosfat tad-dikalċju kien jibbenefika mid-dritt liberu ta' klassifikazzjoni taħt il-kodiċi tat-tariffa 2835 52 90.

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2009 — Franza vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-79/09)**

(2009/C 113/75)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. Belliard, G. de Bergues u A. A.-L. Vendrolini, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Bir-rikors preżenti, ir-rikorrenti titlob li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 7486 finali, tal-10 ta' Diċembru 2008, li fiha l-Kummissjoni kkunsidrat li l-kontribuzzjonijiet volontarji li saru obbligatorji, miġbura mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali fuq il-membri tal-professjonijiet li huma jirrappreżentaw, bil-għan li jiffinanzjaw l-azzjonijiet li jistgħu jiġu organizzati minn dawn l-organizzazzjonijiet, kienu jikkonstitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni, fir-rigward tal-mertu, motiv wieħed, ibbażat fuq:

— ksur tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, sa fejn il-Kummissjoni kkunsidrat, bil-kontra ta' dak li jsostni l-Gvern Franċiż, li dawn il-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji jikkostitwixxu taxxi parafiskali, jiġifieri riżorsi tal-Istat, meta fil-fatt:

  — il-proċedura ta' rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali kif ukoll il-proċedura tal-proroga tal-ftehim interprofessjonali ma għandhomx jitqiesu li huma mezzi għall-Istat sabiex jimplementa politika partikolari li tkun imfassla minn qabel;

  — il-bażi tat-taxxa, l-ammont, l-allokazzjoni u l-użu tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji huma ffissati mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali fil-ftehim tagħhom, u l-awtoritajiet pubbliċi ma jintervjenu fl-ebda stadju;

  — il-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji huma imperattivament użati għall-finanzjament tal-azzjonijiet li għalihom huma ddestinati u ma jitqegħdu qatt għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi;

  — il-persuni suġġetti għall-kontribuzzjoni volontarja obbligatorja neċessarjament jibbenefikaw mill-azzjonijiet finanzjati minn dawn tal-aħħar u l-operaturi kollha jħallsu t-tariffa bħala xerrejja jew bejjiegħa tal-prodott ikkonċernat.